# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Illum, it-Tlieta, 2 ta' Lulju, 2019**

**Rikors Numru 535/19TA**

**Wara l-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju numru 1517/2018 fl-ismijiet:**

**Carmel sive Charles Bianco (K.I. 44368M) għan-nom u in rapprezentanza tas-soċjeta' Western Co. Ltd**

**vs**

**Matthew Charles Costigan (K.I. 219987M) u martu Maria Costigan (K.I. 104727A)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors ta' Matthew Charles Costigan u martu Maria Costigan tat-30 ta' Mejju 2019;

Rat id-dokumenti kollha annessi mal-imsemmi Rikors;

Rat id-digriet tagħha tat-12 ta' Ġunju 2019;

Rat ir-risposta ta' Western Co Ltd tal-21 ta' Ġunju 2019;

Rat l-atti kollha ta' dawn il-proċeduri;

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet fis-seduta tas-27 ta' Ġunju 2019;

Rat li r-rikors tħalla għal digriet in camera.

**Konsiderazzjonijiet**

Dak li qegħdin jitolbu l-konjuġi Costigan f'dawn il-proċeduri huwa, li jiġi revokat il-mandat ta' sekwestru mertu ta' dawn il-proċeduri, peress li skonthom, tesisti garanzija alternattiva tajba sabiex tikkawtela l-pretensjonijiet tas-Soċjeta' intimata fil-proċeduri kif dedotti fil-Kawża fl-istess ismijiet, permezz tar-Rikors ġuramentat numru 1014/2018TA (a' fol 36). L-esponenti konjuġi Costigan qegħdin jikkontendu, li din il-garanzija tikkonsisti fil-fatt, li permezz tal-akkoljiment għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni numru 1895/2018/1 LM fl-istess ismijiet, huma ġew inibiti milli jbiegħu, ineħħu, jitrasferixxu, jew jiddisponu intervivos sew b'titolu oneruż jew gratuwitu d-dar 84, Sqaq il-Loġġia, Triq il-Biċċieni , Ħaż-Żabbar.

Is-Soċjeta' intimata fost oħrajn wieġbet, li l-proċedura adottata hija waħda rritwali, għaliex skont l-ewwel proviso tal-artiklu 836(1) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta, dawn il-proċeduri messhom saru fl-atti tal-Kawża fuq imsemmija għax hekk tiddisponi l-liġi. Din hija tip ta' risposta li din il-Qorti tiltaqa' magħha frekwentement fi proċeduri simili. Skont din il-Qorti,

apparti li għandha l-obbligu li ssalva l-Atti, sakemm ma tkunx ikkomminata mil-liġi taħt piena ta' nullita`, f'dawn il-proċeduri, dak li huwa important hu, li finalment talbiet ta' din ix-xorta jiġu quddiem dik il-Qorti li tkun ġiet adita biex tisma' l-mertu, kif fil-fatt ġara f'dawn il-proċeduri.

Aktar minn hekk , għalkemm huwa dejjem desiderabbli li la darba tkun ġiet dedotta l-pretensjoni permezz ta' Kawża, tkun dik il-Qorti li ġiet hekk adita biex tismagħha li tieħu konjizzjoni ta' dawn ix-xorta ta' proċeduri, irid jiġi nnotat, li l-liġi tipprovdi li dak li jkun "….**jista'** jagħmel rikors lill-Qorti li tkun qed tittratta dik il-kawża…" (emfażi tal-Qorti). Għalhekk l-għażla hija fakultattiva. Ma hemm xejn li jżomm lill-partijiet għall-proċeduri ta' din ix-xorta, li jekk l-atti għall-otteniment ta' ħruġ ta' kontro-mandat imissu lil xi Qorti li ma tkunx qed tittratta l-Kawża fil-mertu, dawn jattiraw l-attenzjoni ta' dik il-Qorti biex l-istess atti jinbagħtu quddiem dik il-Qorti l-oħra li tkun qed tittratta dik il-Kawża. Ħafna drabi dan li jiġri fil-prattika, u b'hekk jintlaħaq dak li desiderabbilment titlob il-liġi fil-proviso fuq imsemmi.

Fil-mertu, is-Soċjeta' intimata tipprova tagħmel eżerċizzju dwar valuri u konteġġi li jidher li saru ukoll fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni fuq imsemmi. Dan għamlitu mhux biss fit-trattazzjoni li saret quddiem din il-Qorti iżda anke fir-risposta tagħha. Din il-Qorti ma għandhiex għalfejn tidħol f'dan l-aspett, peress li dan l-eżerċizzju diġa' sar minn din il-Qorti fl-atti tal-mandat inkwistjoni u taqbel perfettament miegħu (ara a' fol 45 tergo).

F'dan l-istadju jrid jitqies, jekk l-intimat huwiex suffiċjentement kawtelat bl-otteniment tal-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni milli jbiegħ jew jitrasferixxi l-

propjeta' fuq imsemmija u liema mandat ġie ottenut inkawtela tal-istess pretensjoni li qegħdha tipprova tikkawtela bil-mandat mertu ta' dawn il-proċeduri. F'dan il-kuntest, jingħad li sabiex il-Qorti tasal għat-tħassir ta' mandat skont l-artikolu 836(1) (c) tal-Kap 12, kif qegħdin jippretendu l-konjuġi Costigan, trid tkun sodisfatta li hemm garanzija oħra li tista' tassigura l-pretensjoni dovuta. **(Ara Mabrouk Limited vs Joseph Ciantar, P.A. (JZM) deċiża fl-10 ta' Jannar 2013).**

Fil-fehma ta' din il-Qorti, jekk il-Qorti fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni diġa' għamlet il-verifiki tagħha dwar is-sufficjenza tal-kawtela, in kwantu l-immobbli miżmum jkopri bil-valur b'mod kawtelatorju l-pretensjonijiet tas-Soċjeta', dan ifisser, li ai fini tal-artikolu 863(1)(c) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta tesisti garanzija idoneja skont il-liġi anke ai fini ta' dawn il-proċeduri. Di fatti, f'ċirkostanzi simili għal dawk li għandha quddiemha din il-Qorti, dawn il-Qrati diġa' ppronunzjaw irwieħhom f'dan ir-rigward. Fil-**provvediment tas-6 ta' Diċembru 2016, fl-ismijiet Josephine sive Joyce Dimech -vs- Pasqualino Chircop et tal-Prim Awla Qorti Ċivili per Imħallef Lorraine Schembri Orland, rikors revoka numru 967/2016** dik il-Qorti qalet hekk:

*"Għalhekk, fid-dawl ta' dawn il-kostatazzjonijiet, jitqies li l-mandat kawtelatorju indikat mir-rikorrent, u cjoe` l-mandat ta' inibizzjoni 1309/2016 JZM, f'dan il-każ hu validu u effettiv biżżejjed billi jissodisfa r-rekwiżiti meħtieġa biex jikkawtela u jassigura b'mod sufficjenti l-pretensjonijiet ta' l-intimata eżekutanti Josephine Dimech. Il-Qorti*

*għaldaqstant ser tgħaddi biex tilqa' t-talba għar-revoka tal-mandat ta' Sekwestru odjern abbażi tal-***artikolu 836(1)(c) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta."**

Għalhekk din il-Qorti hija tal-fehma, li fid-dawl tal-fatti li għandha quddiemha u pronunzjamenti ta' dawn il-Qrati fuq imsemmija, kemm dottrinalment, u kif ukoll dwar dak li stabbilit il-Qorti fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni indikat fir-rikors promotur, is-Soċjeta` Attriċi, bl-otteniment tal-mandat t'inibizzjoni inkwistjoni fir-rigward tal-immobbli 84, Sqaq il-Loġġia, Triq il-Biċċieni, Ħaż-Żabbar, hija suffiċjentement ikkawtelata fit-termini ta' dak li jipprovdi l-artikolu 863(1)(c) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti tixtieq tippuntwalizza li jekk b'mandat ikun intlaħaq l-iskop u ċioe` li tiġi kkawtelata pretensjoni, ma jkunx sewwa li jitħallew ħajjin mandati oħrajn li jkunu mmirati lejn l-istess kawtela.

Fid-dawl ta' dan kollu, il-Qorti ssib li t-talbiet tal-konjuġi Costigan għandhom jintlaqgħu abbażi tal-artiklu 836(1)(c) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta. Dan ifisser li ma hux meħtieġ li din il-Qorti tikkonsidra hemmx raġunijiet oħrajn abbażi tal-artikoli 836(1)(e) jew (f) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta.

**Provvediment**

Għaldaqstant din il-Qorti, fil-waqt li qed tilqa' t-talbiet tal-Konjuġi Costigan kif mitluba fir-rikors tagħhom tat-30 ta' Ġunju 2019 u dan fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-artiklu 836(1)(c) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, tirrevoka l-

mandat ta' sekwestru numru 1517/2018 fl-ismijiet Carmel sive Charles Bianco noe (ID. 44368M) għan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' Western Co. Ltd. -vs- Matthew Costigan (ID 219987M) u martu Maria Costigan (ID 104727A) u konsegwentement tordna l-ħruġ tal-kontro-mandat opportun.

Spejjes ta' dan l-episodju a' karigu tas-Soċjeta' intimata.

**Mogħti kameralment illum it-Tlieta, 2 ta' Lulju, 2019.**

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**